# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**SEDUTA TAL-10 TA' DICEMBRU 2020**

**Nru. fuq il-Lista tal-Kawzi:**

**Referenza Kostituzzjonali nru. 256/2020**

**Fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali tal-5 ta' Novembru 2020, maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni fl-atti tal-kawza fl-ismijiet:-**

**Direttur ghal Harsien tal-Minuri**

**vs.**

**Doreen Debono u Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-referenza kostituzzjonali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni [il-Qorti Referenti jew il-Qorti tal-Minorenni] fil-5 ta' Novembru 2020 (sedenti l-Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace) li permezz taghha il-Qorti Referenti talbet li din il-Qorti tistharreg il-kwestjoni kostituzzjonali mqajma quddiem il-Qorti tal-Minorenni mill-intimata Doreen Debono *seduta stante* fil-5 ta' Novembru 2020:

> "Dr. Mifsud Bonnici in vista tal-artiklu tal-ligi qieghed jitlob zmien lil din l-Onor. Qorti biex jipprezenta kawza kostituzzjonali billi d-drittijiet ta' l-akkuzati qed jigu lezi peress li ma jistghux jressqu d-difiza taghhom sewwa u dan imur kontra id-due process tal-artikolu 4 (3) tal-Konvenzjoni.
>
> Il-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja Kap 319 u fic-cirkostanzi tirreferi l-proceduri lil Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) u fl-opinjoni tal-Qorti l-artikolu 20 (12) jponi fuqha li tisma' x-xhieda kollha f'seduta wahda u kif dawn ic-cirkostanzi li intalab mid-difiza li ssir referenza kostituzzjonali stante li ma kienx f'posizzjoni li jaghti parir lil klijenti tieghu u jressaq id-difiza taghhom jekk il-proceduri kollha iridu jsiru f'seduta wahda. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din it-talba mhux frivola u/jew vessatorja."[1]

Rat illi l-process tal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Minorenni fl-ismijiet "Direttorat ghal Harsien tal-Minuri vs. Doreen Debono" li gie allegat mar-referenza;

Rat in-nota tal-Qorti referenti pprezentata fis-17 ta' Novembru 2020 li permezz taghha spjegat ic-cirkostanzi kollha li minnhom fil-5 ta' Novembru 2020 kien hemm il-htiega ta' referenza kostituzzjonali kif ukoll it-termini ta'

[1] Pagna 1 tal-process.

dik l-ordni ta' referenza kostituzzjonali u dan in segwietu ta' digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Novembru 2020, liema nota taqra kif gej:-

"3. Il-Qorti Referenti ai termini tal-Artikolu 14(1) tal-Kap 602 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha l-kompetenza li tisma' u tiddeciedi l-kazijiet kollha bhala Qorti tal-minorenni ai termini tal-Kap 287 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi s-subartikolu 3 (2) u (3) tal-Kap 287 jindikaw li l-Qorti tal-Minorenni hi Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

5. Illi dwar il-fatti s-subartikolu 20 (12) tal-Kap 602 jehtieg li l-Qorti fl-Ewwel udjenza tisma' l-persuni kollha indikati fl-istess artikolu u wara dik l-udjenza ai termini tas-sub artikolu 20 (13) tghaddi biex tawtorizza jew tichad l-ordinijiet li d-Direttur (Protezzjoni Minuri) ikun irrakkomanda fil-pjan ta' harsien u tista' tiddeciedi ukoll dwar l-ghotja ta' responsabiltà ta' genituri lil persuni li jidrilha xierqa;

6. Illi fl-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2020, Dr Carmelo Mifsud Bonnici ivverbalizza li d-drittijiet tal-Akkuzati kienu qed jigu lezi stante li ma jistax jressaq difiza taghhom sewwa u dan imur kontra id-due process tal-artikolu 4 (3) tal-Konvenzjoni;

7. Illi l-Qorti Referenti tenut kont tal-fatt li fil-proceduri odjerni il-minorenni kienu diga taht ordni ta' emergenza ai termini tas-sub-artikolu 20 (1) (2) (3) (4) u (5) tal-Kap 602 kien essenzjali li l-akkuzati ikollhom id-dritt taghhom li l-Avukat ikun jista' jikkonsulta maghhom u jressqu l-provi taghhom kollha. F'seduta wahda dan ma setax isehh stante li l-Avukat ma setax jikkonsulta sew mal-klijenti tieghu;

8. Illi ulterjorment, l-Qorti Referenti tirrileva li dawn il-proceduri huma sommarji;

9. Illi rigwardanti it-termini tar-riferenza Kostituzzjonali, il-Qorti Referenti taghmel referenza ghall-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta'

Malta rigwardanti d-dritt ta' rispett ghal hajja privata u familja tal-akkuzati;

10. Illi l-akkuzati ma setghux jiddefendu ruhhom sew sabiex issir ir-revoka tal-Ordni ta' Emergenza konsegwenza ta' liema Ordni l-minuri tnehhew minghand Doreen Debono u l-"allegat" missier Joseph Azzopardi minghajr ma jkunu nghataw l-possibilita ta' difiza adeguata meta l-provi jitressqu kollha f'seduta wahda."[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur ghall-Harsien tal-Minuri pprezentata fis-26 ta' Novembru 2020.

Rat illi l-Avukat tal-Istat, Doreen Debono u Joseph Azzopardi ma pprezentawx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi r-referenza kostituzzjonali giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

***Artikolu 4 (3) tal-Kaptioli 319***

Fin-nota spjegattiva mhejjiha mill-Qorti referenti datata 17 ta' Novembru 2020, saret referenza ghall-Artikolu 4 (3) tal-Konvenzjoni. Dan l-imsemmi artikolu jirreferi ghal x'jikkostitwixxi xogħol forzat jew obbligatorju u ghalhekk jidher li f'din il-kawza m'ghandu l-ebda relevanza, stante li hawn si trattata ta' ordni ta' emergenza ghall-protezzjoni tal-minuri li allegatament qeghdin isofru hsara sinifikanti. Dan maghdud, mill-qari tal-verbal tal-5 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Minorenni ghamlet referenza ghall-Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li fin-nota spjegattiva taghha

[2] Pagni 18C – 18D tal-process.

l-Qorti Referenti riedet tirreferi ghall-Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 u mhux ghall-Artikolu 4 (3) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

L-**Artikolu 4 (3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi hekk:

> (3) Jekk f'xi proċedimenti f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.

Din il-Qorti osservat li l-applikabbilita ta' dan l-artikolu huwa limitat ghal referenzi kostituzzjonali sabiex jigi deciz mill-Prim'Awla Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni ta' wiehed mid-drittijiet sanciti taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Mill-qari akkurat tar-referenza mibghuta lil din il-Qorti, u aktar u aktar min-nota spjegattiva, jirrizulta li din il-Qorti qed tintalab mill-Qorti Referenti sabiex taghti d-decizjoni taghha fil-konfront ta' provvediment tal-Kostituzzjoni ta' Malta. B'dan ifisser ghalhekk li l-artikolu li tahtha ghandha ssir din ir-referenza m'huwiex l-Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319, izda a bazi ta' artikolu ekwivalenti li jinstab fil-Kostituzzjoni ta' Malta, cioe l-Artikolu 46 (3).

***Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

L-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> "(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Minorenni fir-referenza taghha talbet lil din il-Qorti tiddeciedi jekk l-Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwiex qieghed jigi lez meta l-intimati "ma setghux jiddefendu ruhhom sew sabiex issir ir-revoka tal-Ordni ta' Emergenza konsegwenza ta' liema Ordni l-minuri tnehhew minghand Doreen Debono u l-"allegat" missier Joseph Azzopardi minghajr ma jkunu nghataw l-possibilita ta' difiza adeguata meta l-provi jitressqu kollha f'seduta wahda." Fil-fehma tal-Qorti Referenti "l-artikolu 20 (12) jponi fuqha li tisma' x-xhieda kollha f'seduta wahda".

Qabel tghaddi ghal konsiderazzjonijiet taghha, jehtieg li l-ewwel jigi kwotat l-**Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni**:

> "32. Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal- interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri-
>
> [...]
>
> (ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu,

> id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmi jaqabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku."

Il-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Ir-Repubbika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** (42/2011 JRM) deciza fil-15 ta' Novembru 2011 osservat

> Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata"

Isegwi li din il-Qorti filwaqt li hija marbuta li tiddeciedi kull referenza li tigi referta lilha minn Qorti Referenti, daqstant iehor hija marbuta li tapplika u ssegwi b'mod rigoruz il-provvedimenti tal-ligi in materja. Din il-Qorti qieghda taghmel din l-osservazzjoni fid-dawl tal-kompetenza moghtija lilha bis-sahha tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha **ġurisdizzjoni oriġinali** li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' **tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet**

> **tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin)** li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"[3]

Minn dan l-artikolu jirrizulta ferm car, li l-Qorti sede Kostituzzjonali hija marbuta tiddeciedi fuq pretensjonijiet ta' lezjonijiet li jaqghu taht xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 (maghdudin). Din il-limitazzjoni hija wkoll riflessa fit-tielet sub-artikolu sukwotat – l-artikolu li tahtu tista' ssir referenza kostituzzjonali meta l-Qorti li tqum quddiemha kwistjoni kostituzzjonali m'ghandhiex kompetenza tikkonverti ruhha jew tiddeciedi fuq dik il-kwistjoni.

Kif digà gie osservat aktar 'il fuq ir-referenza kostituzzjonali in dizamina tresqet sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk huwiex minnu li qieghed jigi lez l-**Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni** meta l-intimati allegatament ma setghux jiddefendu ruhhom sew sabiex issir ir-revoka tal-Ordni ta' Emergenza ghaliex ma nghatawx differiment sabiex igibu l-provi f'seduta ohra sabiex jippreparaw id-difiza taghhom. Dan ghaliex skont il-Qorti Referenti kienet prekluza mil-ligi li taghti differiment kif talbu l-genituri tal-minuri ghaliex il-Qorti Referentis sostniet illi l-provi kellhom jitressqu kollha f'seduta wahda.

Sfortunatament il-Qorti tqis li l-Artikolu 32 li ghalih saret referenza fir-referenza kostituzzjonali huwa eskluz mill-Artikolu 46, liema artikolu jipprovdi ghall-possibilità ta' allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali a tenur biss tal-Artikoli 33 sa 45. L-Artikolu 32 huwa kkunsidrat biss bhala artikolu introduttiv ghal-lista ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u wiehed dikjaratorju u mhux intiz sabiex jigi invokat bhala dritt fundamentali *per se*. Ghaldaqstant jista' bla tlaqliq jinghad li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jaghtix jedd sostantiv ta' harsien ghall-ilmenti tal-intimati, izda huwa biss dikjarazzjoni ta' principju.

---

[3] Enfasi mizjud mill-Qorti.

Il-gurisprudenza dwar dan il-punt hija kopjuza. Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal sentenza ricenti fl-ismijiet **Patrick Ciantar et vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et** (Rik Kost 70/2018 JRM) moghtija fid-29 ta' Ottubru 2020 mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fejn gie ritenut li:

> "safejn l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq ksur taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni" [Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru***; u P.A. Kost. **14.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bernard Gauċi pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** (konfermata mill-Q. Kost. fid-**19.4.2016**)]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikoli l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV. Dan huwa l-qofol tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati [fis-sens li "l-artikoli 32 [...] tal-Kostituzzjoni mhumiex fost dawk l-artikoli li jagħtu jedd ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali."], u l-Qorti tqis li għandha mis-sewwa għaldaqstant sejra tilqagħha;

Din il-Qorti kif preseduta aktar kmieni din is-sena proprju fit-30 ta' Gunju 2020 fil-kawza fl-ismijiet **AB vs. CD** (Ref. Kost. 82/2019 RGM) kellha l-opportunità li taghmel osservazzjoni f'dan is-sens ukoll:

> "Sabiex tista' ssir referenza kostituzzjonali il-kwistjoni li tqum quddiem il-Qorti Referenti trid tkun dwar ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni. [Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni.] L-artikolu 32 (c) msemmi fir-referenza kostituzzjonali ma

> jaqax taħt l-artikoli imsemmija u għalhekk ai termini tal-artikolu 46 (3) allegat ksur tal-artikolu 32 (c) m'għandux jiġi kkonsidrat."

Il-Prim'Awla, Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha **Benjamin Testa et vs. Avukat Generali et**, (Rik Kost 56/2018JZM) deciza fit-30 ta' Mejju 2019, ikkwotat mis-sentenza **Josephine Bugeja vs. Avukat Generali** (Rik Kost 1/2002) deciza fit-3 t'Ottubru 2008 fejn inghad hekk:

> "[...] Dan l-artikolu [b'referenza ghall-Artikolu 32] hu pero` wiehed dikjaratorju [...] L-artikolu 32 li jiddikjara d-dritt ghall-proprjeta` b`mod generali ma hux "ut sic" enforzabbli f`xi Qorti. Infatti s-subinciz 1 tal-artikolu 46 jipprovdi illi jaghti biss lok ghar-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jista` biss jintalab rimedju ghalihom il-kazijiet ta` vjolazzjonijiet taht l-artikoli 33 sa 45."[4]

Fid-dawl tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif reaffermat mill-gurisprudenza lokali, din il-Qorti hija kostretta tiddikjara li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jaghtix lill-intimati jedd ezegwibbli biex jirrimedja l-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minnhom allegat.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti qieghda twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Minorenni b'digriet tal-5 ta' Novembru 2020 billi:

1. Tiddikjara li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jaghtix lill-intimati jedd ezegwibbli biex jirrimedja l-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minnhom allegat.

---

[4] Ara wkoll **Jonathan Attard vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Kost 13/2013) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fl-1 t'April 2013; **Saadia Chabab vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 4/2011) deciza mill-Qorti Civili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fit-12t'April 2013; **Bernard Gauci pro et noe vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** (Rik Kost 2/2009) kif ikkonfermatu mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 t'April 2016; **Kate Sullivan et vs. L-Onor. Prim Ministri et** (Rik Kost 20/2012) kif ikkonfermatu mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2017, fost ohrajn.

2. Tordna li dawn l-atti jigu rimessi lill-Qorti Referenti.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**